Avviż Numru CCT 164/17/F

**Oswald u Bernice Micallef**

**vs**

**Graziella Brincat**

Illum 21 ta' Jannar, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Settembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), rappreżentanti danni li sofrew meta l-kantant Ludwig Galea li kienu għażlu ma kienx ġie jkanta għat-tieġ tagħhom, imma l-organizzatriċi bagħtet persuna oħra.

L-intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimata li hija l-istess intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ingaġġaw lill-intimata sabiex jitqabbad il-kantant Ludwig Galea sabiex ikanta fit-tieġ tagħhom. Illi rriżulta li fl-aħħar minuta ġie ikkanċellat u l-intimata provdiet persuna oħra bħala kantant.

Ir-rikorrenti stqarr illi kien diżappuntat għalkemm il-kantant l-ieħor ma kienx ħażin, pero' l-kantant Ludwig Galea ma resaqx biex ikanta, u li kkonkludew li kien hemm diversi skużi li ma kinux veritieri.

L-intimata min naħa l-oħra ssottomettiet illi kien hemm bżonn li jitbiddel u li m'għandhomx għalfejn isofru danni għax xorta ħadu gost u kienu kuntenti bil-kantant l-ieħor.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li meta tela' Ludwig Galea kkonkluda li s-soltu jitħallas bejn €200 - €250 għall-performance tiegħu.

It-Tribunal, jinnota li huwa diżappuntanti li meta tkun għat-tieġ tiegħek li hija ġurnata importanti ħafna, ibbukjajt kantant li mbagħad fl-aħħar minuta ma jkunx jista' jiġi u jista' jirriżulta li ma kienx infurmat jew li kien hemm xi nuqqas ta' komunikazzjoni miegħu, u allura mhix ġusta li l-organizzatur jaqbad u jbiddel il-kantant fl-aħħar minuta.

Pero' t-Tribunal jinnota li l-prezz u l-valur tal-kantant Ludwig Galea kien ta' €250 u li allura bħala danni, t-Tribunal mhux ta' l-opinjoni li jista' jagħti ħafna danni, għaliex fl-aħħar mill-aħħar dak kien il-valur tal-kantant tas-serata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tlett mitt ewro (€300), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**